**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2002**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | F (iii) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 6 | 24 | 5 | 8 | 8 | 14 | 5 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

### Il-Fjuri Fil-Ħajja Tal-Bniedem



Il-fjuri! Kelma qasira, ħafifa, sempliċi. Imma kemm ħlewwa u mħabba tiġbor fis-sempliċità tagħha. Ħabib, biex juri l-għożża tiegħu lejn ħabibu, ma jsibx x'jibgħatlu aħjar minn bukkett fjuri. Il-fjuri jintbagħtu wkoll fiċ-ċirkostanzi henjin ta' ħajjitna: fit-twelidijiet, fit-tiġijiet, f'għeluq snin xi ħadd u fil-festi kollha tal-familja. Dak li ma nafux ngħidu aħna, jgħiduh huma. Il-messaġġ ta' paċi u mħabba li jagħtuna l-fjuri aħna ngħadduh lil ħaddieħor meta nibagħtulu bukkett ward ta' l-istaġun. (par. 1)

Saħansitra fil-mewt aħna nuru l-qima tagħna lejn il-mejjet billi nibagħtu bukkett fjuri. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-kliem isir diffiċli għalina. Il-fjuri jafu juru aħjar minna s-sogħba u l-mogħdrija li tkun qiegħda tħoss qalbna. Is-sempliċità tagħhom, l-indafa tagħhom, l-umiltà u l-innoċenza tagħhom jgħidu storja li tqanqal u sserraħ, li tbikki u tfarraġ. (par. 2)

It-tiżjin tad-dar mhuwiex komplut mingħajr it-tiżwiq tal-fjuri. Inqiegħdu l-fjuri fuq l-imwejjed ta' l-ikel, fis-salotti, fl-indani tat-turġien, fl-intrata u f'kull taqsima oħra tad-dar fejn ikunu jixirqu. Is-sbuħija tagħhom, l-għażla tagħhom, l-ordni tagħhom fil-vażuni jagħtu idea lill-ħbieb u lill-mistednin tal-gosti u tas-sentimenti ta' sid id-dar. (par. 3)

Ir-rebbiegħa hija l-istaġun tal-fjuri, l-istaġun meta dawk il-ħlejjaq żgħar u ħelwin jiksu s-siġar b'ilwienhom u jtaqqlu l-arja bil-fwieħa ħanina tagħhom. Iżda r-rebbiegħa hija wkoll ix-xbieha ta' dik it-taqsima ta' ħajjitna tant marbuta ma' qalbna: Iż-żgħożija. Bniedem żagħżugħ ngħidu li qiegħed fir-rebbiegħa ta' ħajtu. Għalhekk jiġri li, bla ma nintebħu, l-idea tal-fjuri tnissel f'moħħna l-idea tar-rebbiegħa u taż-żgħożija. Minn hawn huwa ġej li, ħafna drabi, aħna nieqfu naħsbu quddiem is-sbuħija tal-fjuri u bejnna u bejnhom inħossu bħal xebh, bħal rabta, bħal xi ħaġa komuni, għalkemm forsi dak il-ħin ma nkunux nistgħu nfissruha tajjeb. (par. 4)



(Addattament minn kitba ta' Ġorġ Pisani)

## A. FEHIM IT-TEST (6 marki)

1. *Dak li ma nafux ngħidu aħna, jgħiduh huma*. Fisser fi kliemek billi tirreferi għal dak li qal l-awtur dwar il-fjuri fl-1 paragrafu.

   ____________________________________________

   __________________________________________ (2)

2. Semmi l-kwalitajiet li għandhom il-fjuri li jserrħu u jfarrġu 'l dak li jkun. (par. 2)

   __________________________________________ (1)

3. Kif jista' sid id-dar jagħti idea tal-gosti u s-sentimenti tiegħu lill-mistednin? (par. 3)

   __________________________________________ (1)

4. *aħna nieqfu naħsbu quddiem is-sbuħija tal-fjuri u bejnna u bejnhom inħossu bħal xebh…* (par. 4) X'rabta jara l-kittieb bejnna l-bnedmin u l-fjuri?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (24 marka) |
|---|---|

## (i) ANALIŻI TESTWALI

1. *Il-messaġġ ta' paċi u mħabba li jagħtuna l-fjuri, aħna ngħaddu**h** lil ħaddieħor.* (par. 1) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż **h** fil-verb *ngħaddu**h***?

____________________ (1)

2. Ikteb il-kelma mit-2 paragrafu li tfisser rispett lejn il-mejjet meta aħna nibagħtu bukkett fjuri.

____________________ (1)

3. *It-tiżjin tad-dar mhuwiex komplut mingħajr it-tiżwiq tal-fjuri.* (par. 3) tfisser:
   a. id-dar ma jonqosha xejn meta tkun imżejna bil-fjuri. ☐
   b. il-fjuri joħolqu konfużjoni fit-tiżjin tad-dar. ☐

(1)

4. *meta dawk il-ħlejjaq żgħar imlewnin.* (par. 4) Il-kelma *ħlejjaq* qiegħda tirreferi għall-
   fjuri ☐ jew għasafar ☐

(1)

## (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

1. Sib il-kliem mit-2 paragrafu li jfisser:

a. sitwazzjonijiet - ____________________

b. niket - ____________________ (2)

2. Agħti kliem ieħor flok:

a. taqsima (par. 3) - ____________________

b. b'ilwienhom (par. 4) - ____________________

ċ. nintebħu (par. 4) - ____________________ (3)

## (iii) SINTASSI/SENTENZI

Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira:

1 a. Il-messaġġ ta' paċi u mħabba li jagħtuna l-fjuri aħna ngħadduh lil ħaddieħor meta nibagħtulu bukkett ward ta' l-istaġun. (par. 1)

b. Kull meta nibagħtu bukkett fjuri ta' l-istaġun aħna ____________________

______________________________________________________________ (1)

2. a. Il-fjuri jafu juru aħjar minna s-sogħba u l-mogħdrija li tkun qiegħda tħoss qalbna. (par. 2)

b. Is-sogħba u l-mogħdrija ta' qalbna jintwerew ____________________

______________________________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. **L-Istat Kostrutt**

*sid id-dar* (par. 3) hija **stat kostrutt**. Ikteb dawn il-frażijiet fl-**istat kostrutt :**

a. it-tiżjin tad-dar --- ____________________

b. il-ħajja taż-żgħażagħ --- ________________

ċ. ir-raġel ta' Linda --- __________________ (3)

2. **Diskors Dirett U Indirett**

Aqleb din is-sentenza f'diskors dirett billi tagħmel użu tajjeb mill-punteġġjatura:

Ray staqsa lil martu Tessa dwar fejn kienet qiegħdet il-kotba u hi wieġbet li kienet qegħdithom fil-librerija biex tkun tista' tkompli tnaddaf

______________________________________________________________

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (5)

3. **In-Nom**

a. Ikteb **nomi** bl-għajnuniet fil-parentesi (nom diminuttiv minn **ċokon**) –

Iċ-______________ Paul dejjem jara x'jaqla' biex jilgħab.

b. (nom mimmat minn **ra**) – Ħadu qatgħa meta raw il-______________ mkissra.

ċ. (nom parteċipjali minn **għana**) –

L-______________ kien tassew jistħoqqlu jirbaħ il-kompetizzjoni.

d. (nom verbali minn **kisser**) – Minħabba l-vandaliżmu qegħdin naraw ______________ ta' bankijiet fil-ġonna pubbliċi.

e. (nom verbali minn **ħaraq**) – Bix-xemxata li ħadet, ħasset ______________ ma' ġisimha kollu. (5)

| **Ċ.** | **L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (5 marki) |
|---|---|---|

**IDJOMI – L-ANNIMALI ; PARTIJIET TAL-ĠISEM**

Għid jekk dawn l-idjomi f'dawn is-sentenzi humiex użati Tajjeb jew Ħażin

| | | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|---|
| 1. | Lil Karmena u 'l Lonza dejjem tarahom flimkien, qishom kelb u qattus. | | |
| 2. | Biex iġorrlok l-għamara, qabbad lil Ġamrì għax dak għandu saħħa ta' barri. | | |
| 3. | Trid toqgħod attenta għal Marija għax malajr tieħu kunfidenza u mis-saba' tieħu l-id. | | |

4. Liża sabet ruħha daharha mal-ħajt meta rebħet il-lotterija u ddeċidiet li ssiefer.

5. L-għalliem għalaq għajn waħda meta ra lil Josef jitkellem u għal din id-darba ħallieha għaddejja bla ma kkastigah.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Is-Sindku tal-Kunsilli Lokali tar-raħal tiegħek avviċinak biex tikteb artiklu ta' madwar 80 kelma għall-fuljett li joħroġ il-Kunsill darba fix-xahar. Huwa talbek tikteb dwar x'laqtek u x'ma laqtekx mill-festa tar-raħal li għadha kif għaddiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – IDEA TA' LINGWA (8 marki)

*The Sense Group*, li jaħdem favur il-moderazzjoni ta' xorb alkoħoliku mill-adulti, intensifika l-kampanja kontra x-xorb alkoħoliku żejjed b'għadd ta' *billboards* matul it-toroq ewlenin ta' Malta. (silta minn rapport li deher f'gazzetta lokali)

Mis-silta ikteb **3 kelmiet Rumanzi, 3 kelmiet Semitiċi, 2 kelmiet meħuda mill-Ingliż.**

| RUMANZ | SEMITIKU | INGLIŻ |
|---|---|---|
| 1. | 1. | 1. |
| 2. | 2. | 2. |
| 3. | 3. | |

| F. | (i) LETTERATURA – Poeżija – Nadriet 3 | (14-il marka) |
|---|---|---|

Wieġeb il-mistoqsijiet A, B, Ċ, D

A. **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg



Għall-bejjiegħ
tal-gazzetti fuq Kastilja
min ma jixtrix
ma jeżistix.

Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax,
għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha
id-dinja ma taqax.

(i) Il-poeżija hija (sunett, lirika) ____________________ (1)

(ii) Ikteb żewġ versi li qegħdin jirrimaw ma' xulxin

____________________________________

____________________________________ (1)

(iii) Il-poeżija titkellem dwar (solitudni, ferħ) ____________________ (1)

(iv) Għall-bejjiegħ tal-gazzetti, ommu kienet għażiża. Min huwa l-aktar bniedem/bniedma importanti għalik? Għaliex?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (2)

B. Wieġeb

(i) **Pitirross** ta' Victor Fenech

Kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross – Għaliex? ____________________________

____________________________________________________________________ (1)

(ii) **Poeta** ta' Dun Karm (Lil Rużar Briffa)

Imwiegħra l-għolja, naf, tal-Poeżija – Għaliex? ______________________________

____________________________________________________________________ (1)

(iii) **Arizona** ta' Achille Mizzi

Jiena d-deżert għatxan ta' l-Arizona. – Għal min qed jgħid dan il-kliem il-poeta?

____________________________________________________________________ (1)

Ċ. Fl-ewwel parti tal-poeżija **Tifkiriet ta' Tfuliti**, Karmenu Vassallo jiftakar fil-jiem henjin ta' tfulitu f'dar missieru u ommu. Ikteb dwar dan f'madwar 4 versi.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (4)

## D. AKTAR NADRIET POETIĊI

| |
|---|
| Fis-Skiet – Carmel Calleja, Matul is-Snin tal-Ħajja – Ġużè Chetcuti, Jekk Baħar Int Għalija – Carmel G. Cauchi, Raqdet il-Belt - Lilian Sciberras, Fuq Palm il-Ħbiberija – Philip Sciberras, Iż-Żgħożija – Charles Flores, Fjura tas-Sur – Mario F. Bezzina, Ħabbata – Marjanu Vella |

Agħżel poeżija u għid għaliex għoġbitek billi tirreferi għall-poeżija msemmija :

Isem il-poeżija - ______________________ Isem il-poeta - ____________________

Għoġbitni għax ____________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

**F. (ii) LETTERATURA – Dramm – Il-Fortuna tal-Bakkaljaw** ta' Ġużè Aquilina (5 marki)

F'madwar 5 versi għid għaliex il-wasla ta' Pawlu mill-Ingilterra ħasdet lil martu u lil uliedu.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

**F. (iii) LETTERATURA – Proża** (10 marki)

Wieġeb mistoqsijiet A u B

A. **Stejjer għal qabel jidlam** ta' Oliver Friggieri
*Min Miet fit-Tarzna? , Meta Dħalt fl-Isqaq , Il-Koranta*
Agħżel **WAĦDA** u irrakkonta l-ġrajja f'madwar 5 linji

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (5)

B. **Stejjer taċ-Ċarrut** – Tarċisju Zarb
F'madwar 5 linji ikteb dwar x'tgħallimt minn **WAĦDA** mill-istejjer/poeżiji li qrajt:

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (5)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 300 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Kellek telefonata mhux mistennija! Minn min? X'ġara?
2. Hekk kif rajtu/rajtha hemm fid-diskoteka nġbidt lejh/a, iżda l-ewwel impressjoni taf tqarraq bik. Ikteb dwar din l-esperjenza.
3. Il-ġenituri tiegħi jifhmuni u jagħtuni pariri tajbin. Iddiskuti.
4. Il-ħruġ tiegħi għal matul is-sajf.
5. Kamarti turi jien min jien.